# Il-Profeziji tat-Testment il-Qadim Għad Iridu Jkunu Mwettqa?

George Ebejer

Spiss jintqal li profeziji mit-Testment il-Qadim, speċjalment jissemmew dawk mill-profeti Danjel Eżekjel, Ġeremija, u oħrajn li għad iridu jitwettqu jew li kienu mwettqa xi snin ilu. Jiena ma' dan ma naqbilx għaliex il-profeziji tat-Testment il-Qadim kollha twettqu sas-sena 70 W.K. Jieħu ħafna spazju biex tispjega dwar dan kollu imma jiena sejjer nuri fil-qosor kemm jista' jkun it-twettiq ta' dawk il-profeziji li għal xi wħud għadhom ma twettqux u għad iridu jitwettqu fil-futur. Issemmew sinjali, Ewropa, l-armata Ċiniża, ir-Russja u ħwejjeġ oħra bħal dawn li kollha ġew imqiegħda fi sfond bibliku fejn fil-realtà dawn imkien ma jissemmew fil-profezija imma huma kollha assunzjonijiet fl-imħuh tal-profeti u l-għalliema moderni. Sinjali jissemmew fil-Bibbja imma mhux kif ġew applikati għall-futur. Ħalli naraw, mela x'tgħid tassew il-Bibbja dwar dan.

# Il-Profeziji tat-Testment il-Qadim Għad Iridu Jkunu Mwettqa?

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna: "Alla, li bosta drabi u b'manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti, F'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet" (Lhud 1:1, 2).

Fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim Alla tkellem **bil-profeti** imma issa Hu jkellimna **b'Ibnu Ġesù Kristu**. Aħna nemmnu fit-Testment il-Qadim għaliex huwa l-Kelma ta' Alla (2 Timotju 3:16, 17). Imma issa aħna qegħdin taħt Kristu u mhux taħt il-profeti. Meta xi ħadd jgħidli dwar xi profeziji ta' Danjel, Isaija, Eżekjel, jew xi profeta ieħor mit-Testment il-Qadim li dawn għad iridu jkunu mwettqa fil-futur jiena ngħidilhom li jiena nisma' mhux minn Danjel, minn Isaija, jew minn xi profeta ieħor tat-Testment il-Qadim, jiena nisma' minn Ġesù Kristu għaliex illum "Alla jkellimna b'Ibnu" u mhux bil-profeti tat-Testment il-Qadim (Lhud 1:1, 2). Lili għidli xi jgħid Kristu! Hija ħasra li ħafna reliġjużi llum għadhom jimlew rashom b'dak li kien intqal fit-Testment il-Qadim u jippruvaw japplikawh għalina llum u għall-futur. Illum aħna qegħdin ngħixu taħt il-grazzja u mhux taħt it-Testment il-Qadim. Dawn iġibu fix-xejn il-pjan ta' Alla f'Ġesù Kristu. Illum, il-Kelma ta' Alla tgħidilna ċar li Alla jkellimna b'Ibnu u mhux bil-

profeti tat-Testment il-Qadim. Jiena nemmen li l-profeziji tat-Testment il-Qadim kienu mwettqa, inkella kif jista' Alla jkellimna b'Ibnu? Imma skond dawn l-għalliema u profeti moderni, li l-ħin kollu jikkwotaw mill-profeti, Alla għadu qiegħed ikellimna bil-profeti u mhux b'Ibnu Ġesù Kristu.

Aħna m'aħniex qegħdin nistennew għal xi ħaġa/xi ħadd ieħor biex iwettaq dak li qal it-Testment il-Qadim. Per eżempju:

1. **Il-profeziji li jikkonċernaw il-Mulej tagħna kienu kollha mwettqa**.
    a. It twelid tal-Mulej tagħna kien twettiq tal-profezija ta' Isaija (Mattew 1:21-23).
    b. Li Hu kien meħud lejn l-Eġittu biex jaħrab minn Erodi kien twettiq tal-profezija wkoll (Mattew 2:15), kif kien il-qtil li ġiegħel Erodi (Mattew 2:17-18).
    c. Il-belt li fiha Ġesù kien imrobbi kienet twettiq tal-profezija (Mattew 2:23).
    d. Meta Ġesù ppriedka fil-postijiet li fihom Hu għamel dan, dan kien twettiq tal-profezija tat-Testment il-Qadim (Mattew 4:13-16).
    e. Meta Kristu fejjaq il-morda, dan wettaq profezija oħra ta' Isaija (Mattew 8:16-17, ukoll: 12:15-21).
    f. Kristu jitkellem bil-parabboli, u t-tweġiba tan-nies wettaq profezija wkoll (Mattew 13:13-15, 34-35).
    g. Il-mod li bih Kristu daħal Ġerusalem għall-aħħar darba wettaq il-profezija ta' Żakkarija (Żakkarija 9:9 - Matthew 21:1-5).
    h. Dawk il-profeziji li jikkonċernaw wieħed ġej biex imut għall-bnedmin u li jbati, u jkun imqajjem fit-tielet jum kienu mwettqa fi Kristu (Matthew 16:21; Luqa 18:31-33).
    i. Ġesù Kristu ddikjara li l-profeziji kollha dwaru kienu twettqu kollha (Luqa 24:25-27, 44-45).
    j. Fil-mewt Tiegħu, Ġesù ddikjara "Kollox mitmum" (Ġwanni 19:30). Dak kollu li kien imfassal Għalih kien magħmul, kien mitmum (Ġwanni 17:4). Hu wettaq il-profeziji kollha tat-Testment il-Qadim li kienu jikkonċernaw Lilu.
2. **Il-profeziji li jikkonċernaw lil Iżrael kienu mwettqa wkoll.**
    a. Alla għamel tliet wegħdiet lil Iżrael. Wegħda ta' l-art (Ġenesi 17:8), wegħda tan-nisel (Ġenesi 12:7, 15:5, 17:7), u wegħda tan-nazzjoni (Ġenesi 12:2-3, 17:5-6).
    b. Il-wegħda ta' l-art imwettqa: Dewteronomju 19:8-10; Ġożwè 23:15-16; Neħemija 9:7-8; Ġożwè 21:43-45.
    c. Il-wegħda tan-nisel imwettqa: Galatin 3:16.

   d. Il-wegħda tan-nazzjon imwettqa: (Eżodu 33:13; Dewteronomju 4:6-8; II Samwel 7:23).
   e. Mela, Alla diġà wettaq il-wegħdiet Tiegħu lil Abraham. (Ġożwè 23:14).
3. **Il-profeziji li jikkonċernaw l-Isem il-Ġdid kienu mwettqa.**
   a. Isaija 56:5, 62:2: 65:15
   b. Imwettqa: Atti 11:26
4. **Il-profeziji li jikkonċernaw is-saltna kienu mwettqa**.
   a. II Samwel 7:12-17 – Acts 2:30-35 (Kristu qiegħed isaltan issa).
   b. Danjel 2:44; Mark 14-15. 9:1 – Atti 2:1-4; Kolossin 1:13; Rivelazzjoni 1:9 (Is-Saltna jintqal dwarha bħala fl-eżistenza).

Mela, x'baqa'?

Aħna għandna bżonn nirrispettaw il-Bibbja, u ħwejjeġ bħal dawn bħal reġistrar tat-twettiq tal-profeziji jagħti prova tal-verità ta' l-Iskrittura 'l fuq minn kull dubju.

Il-Bibbja kollha hija ispirata minn Alla (II Timotju 3:16-17).